MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2012

Numru. 877/2011

**Il-Pulizija
Spettur Arthur Mercieca
Spettur Carlos Cordina**

**vs**

**Hamada Hasan Manshour
Helmi Ben Belgasem**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Hamada Hasan Manshur, nazzjonalita' Egizzjan, ta' 29 sena iben Hasan Aziza, mwieled Bani Swief fl-Egittu fil-25 ta' Awwissu 1983, u maghruf bin-numru tal-Pulizija 11 F-343 u l-imputat Helmi Ben Belgasem, nazzjonalita' Tunezina, ta' 27 sena, iben Abdelmalek u Fatima, mwieled f'Mehdija it-Tunezija fl-10 ta' Jannar 1984 u maghruf bin-numru tal-Pulizija 11 F-345 gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Nhar il-31 ta' Lulju 2011 ghall-habta ta' 3.00a.m gewwa Hal-Safi harbu minn post ta' kustodja jew mill-kustodja tal-persuna jew persuni inkarigati mill-kustodja tieghu, bi ksur tal-postijiet imsemmija. Art. 152 Kap 9.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 22 ta' Novembru, 2011 (esebita a fol. 57 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

fl-Artikoli 17, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ; u
fl-Artikoli 152, 160, 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-2 ta' Dicembru, 2011, l-imputati ddikjaraw li huma m'ghandhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finalli maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw harba ta' zewg detenuti ta' nazzjonalita' Tunezina mic-Centru ta' Detenzjoni ta' Hal-Safi li saret fil-lejl bejn it-30 u l-31 ta' Lulju, 2011 ghall-habta tat-3.00am. Mill-provi rrizulta minghajr ombra ta' dubju li z-zewg imputati harbu mic-Centru ta' Detenzjoni ta' Hal-Safi u huma gew misjuba ghall-habta tas-7.00 a.m. fejn gew avvistati fuq stage tal-linja u wara li huma telghu fuq il-karozza tal-linja l-istess karozza tal-linja giet imwaqqfa mid-detention officers ftit il-boghod mill-istage u z-zewg imputati gew arrestati u mehuda l-Ghassa tal-Pulizija taz-Zurrieq. Dan kollu gie kkonfermat mis-Surgent 85899 Mark Dimech, minn Ronald Schembri u mill-Bumbardier 86554 Genio Lanzon li lkoll xehdu waqt l-udjenza tal-5 t'Awwissu, 2011 kif ukoll mill-Bumbardier Raymond Casha, minn Henry Schembri u minn Joseph Vassallo li xehdu waqt l-udjenza tal-21 t'Ottubru, 2011. Dawn ilkoll indikaw liz-zewg imputati

bhala d-detenuti li harbu mid-Detention Centre u li sussegwentement gew maqbuda u arrestati minn fuq il-karozza tal-linja wara li gew avvistati fuq il-Bus Stop. Dawn ukoll lkoll sostnew li z-zewg imputati harbu billi ghaddew minn xi hadid li nqata' mill-fence liema hadid instab mal-art.

Ikkunsidrat;

Illi fin-Nota tieghu tat-22 ta' Novembru, 2011 l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht l-Artikoli 152, 160 u 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Id-Difiza filwaqt li mhux qed tikkontesta li l-imputati effettivament harbu mic-Centru tad-Detenzjoni ssostni li ma giex pruvat li l-imputati effettivament effetwaw xi ksur sabiex harbu mill-post ta' detenzjoni jew li ghamlu xi hsara volontarja sabiex harbu. Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jidrilha li ghalkemm mill-provi ma jirrizultax li xi hadd effettivament ra liz-zewg imputati qed jaqtghu il-hadid tal-fence jew li altrimenti instabet xi ghodda fuq l-imputati li kienet tindika li huma uzawha sabiex jaqtghu l-istess hadid, mill-provi rrizulta li nstab il-hadid tal-fence maqtugh u mal-art. Mix-xhieda ta' Henry Schembri u Joseph Vassallo inoltre rrizulta li l-fence kienet giet innutata ntatta ftit qabel ma' harbu z-zewg detenuti, mbaghad wara li harbu nstab il-hadid mal-art. Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk jirrizulta pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li z-zewg imputati qatghu il-hadid sabiex ikunu jistghu jaharbu. L-Qorti jidrilha li l-hsara volontarja kienet mezz ghall-fini tar-reat tal-harba mic-Centru tad-Detenzjoni u ghalhekk ser jigi applikat l-Artikolu 17(h) fir-rigward.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tar-reati li taghhom l-imputati qed jinstabu hatja u jidrilha li m'ghandhiex alternattiva ohra salv li timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tat-22 ta' Novembru, 2011 u senjatament l-Artikoli 152, 160, 325(b), 17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputati hatja tal-

imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghhom u tikkundannhom sentejn (2) prigunerija kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------